# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Ġunju, 2021.**

**Numru 4**

**Ċitazzjoni numru 855/09/1 JPG**

**Clifford Cauchi u martu Maria Cauchi Delia**

**v.**

**Invest BG Limited (C38756) u Claude Grima, Paul Pisani, Emanuel Ellul, Roger Cali**

1. Din is-sentenza titratta tliet appelli minn sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim' Awla tat-12 ta' Mejju, 2017 dwar talba għal rifużjoni ta' flejjes li l-atturi għaddew lis-soċjetà konvenuta sabiex jiġu nvestiti f'proprjeta` fil-Bulgarija permezz ta' kumpanija reġistrata fil-Bulgarija.

2. Il-proċeduri żviluppaw hekk:

2.1. Permezz ta' rikors ġuramentat ippreżentat fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Ottubru, 2009, l-atturi ppremettew u talbu s-segwenti:

> *'1. Illi r-rikorrenti gew mhajjra mill-intimati sabiex jinvestu is-somma ta' tletin elf, disa' mija u erbghin Euro u sittin centezmu (€34,940.60) [gia hmistax il-elf Liri Maltin (Lm15,000)] mas-socjeta intimata u dan skond Management and Agency Contract datat 1 ta' Novembru 2006 redatt mis-socjeta intimata stess u iffirmat ghan-nom taghha mill-intimati Claude Grima u Roger Cali (kopja annessa u immarkata "Dok. A");*
>
> *2. Illi permezz tal-ftehim imsemmi s-socjeta intimata obbligat ruhha illi thaddem il-flus fdati lilha mir-rikorrenti billi tinvestihom inter alia f'socjetajiet mwaqfa minnha fil-Bulgarija illi jinvestu fi proprjeta' immobiljari u b'mod partikolari tramite investiment f'ishma tas-socjeta estera Manastiry Property Ltd (vide "Dok. A", art. 1 u Schedule 1);*
>
> *3. Illi ghalkemm jidher prima facie illi xi flus fdati mir-rikorrenti f'idejn is-socjeta*
>
> *intimata gew investiti f'ishma fis-socjeta estera Manastiry Property Ltd skond traduzzjoni ta' l-istatut ta' l-istess socjeta estera (li kopja tieghu jinsab hawn anness u mmarkat "Dok. B") minn informazzjoni miksuba mir-rikorrenti minn uhud mill-intimati stess, inkluz minn email mibghuta lilhom mill-intimati Paul Pisani f'April 2008 (kopja anessa u immarkata "Dok. C"), jidher illi l-intimati ma investewx il-flus kollha fdati lilhom mir-rikorrenti f'ishma tas-socjeta estera Manastiry Property Ltd skond il-ftehim imsemmi izda parti minn l-investiment tar-rikorrenti gie utilizzat diversament bi ksur tal-mandat moghti lis-socjeta intimata u ta' l-obbligazzjonijiet fiducjarji ta' l-intimati;*
>
> *4. Illi sal-gurnata ta' llum ir-rikorrenti ghadhom qatt ma rcevew rendikont ta' l-esekuzzjoni tal-mandat tas-socjeta intimata u l-intimati mitlubin diversi drabi jaghtu rendikont shih ta' l-esekuzzjoni tal-mandat taghhom, anki permezz tal-konsulent legali tar-rikorrenti (kopji ta' ittri /emails annessi u immarkata "Dok. D1", "Dok. D2", Dok. "D3" u Dok. "D4" rispettivament), baqghu inadempjenti bi ksur tal-ligi u ta' l-art. 3(1) tal-ftehim imsemmi li permezz tieghu s-socjeta intimata obbligat ruhha inter alia "to announce to the Mandat or every conducted transaction including the setting up of a company from which the Mandator shall operate";*
>
> *5. Illi inoltre jirrizulta minn estratt mehud mill-website tar-Registru tal-Kumpaniji ta' Malta (Dok. "E") li s-socjeta intimata Invest BG Limited ghadha qatt ma ikkonsenjat kopji tal-kontijiet annwali taghha lir-Registratur tal-Kumpaniji ai termini ta' l-art. 183 et seq. ta' l-Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghalhekk ma jidhirx illi s-socjeta intimata tista tkun f'posizzjoni illi zzomm l-attiv tar-rikorrenti segregat mill-proprjeta personali taghha u minn dik ta' persuni ohra li*

*favur taghhom jista' jkollha obbligazzjonijiet ohra, b'detriment ghar-rikorrenti;*

*6. Illi ghalhekk huwa evidenti illi l-intimati mhumiex f'posizzjoni illi jaghtu rendikont ta' l-esekuzzjoni tal-mandat tas-socjeta intimata lir-rikorrenti skond il-ftehim imsemmi u skond il-ligi u lanqas li jottemperaw ruhhom ma' l-obligazzjonijiet fiducjarji taghhom in generali;*

*7. Illi jirrizulta wkoll illi l-hidma tas-socjeta intimata li permezz taghha hija dahlet fi ftehim sabiex isir xiri, bejgh jew sottoskrizzjoni ghal ishma f'kumpaniji, socjetajiet jew entitajiet ohra, fosthom Invest BG Limited ghan-nom tar-rikorrenti u/jew sabiex jigi irrangat tali xiri, bejgh jew sottoskrizzjoni ta' ishma mir-rikorrenti u/jew biex timmanigga attiv appartenenti lir-rikorrenti konsistenti f'ishma f'kumpaniji, socjetajiet jew entitajiet ohra, fosthom Invest BG Limited, kif ukoll it-twettiq ta' dak il-ftehim jikkonsistu f'servizz jew servizzi ta' l-investiment ai termini ta' l-art. 2 u l-Ewwel u t-Tieni Skeda ta' l-Att Dwar Servizzi ta' Investiment (Kap. 370 tal-Ligijiet ta' Malta);*

*8. Illi ghalhekk huwa evidenti illi l-agir tas-socjeta intimata huwa wiehed abbuziv u illegali in kwandu s-socjeta intimata dahlet fil-ftehim suriferit u sa' llum baqghet topera taht l-istess ftehim minghajr ma ottjeniet licenza valida ghal servizzi ta' l-investiment skond l-art. 3 tal-Kap 370;*

*9. Illi l-intimati Claude Grima, Paul Pisani, Emmanuel Ellul u Roger Cali, in kwantu diretturi tas-socjeta intimata u bhala l-persuni responsabbli ghat-tmexxija generali ta' listess socjeta intimata, ghall-amministrazzjoni u l-immanigjar taghha kif ukoll ghas-sorveljanza generali tal-affarijiet taghha huma ko-partecipi fin-nuqqasijiet u fl-attivita' abuziva u illegali tas-socjeta intimata u huma ghalhekk solidalment responsabbli massocjeta intimata favur ir-rikorrenti;*

*10. Illi sabiex jikkawtelaw id-drittijiet taghhom ir-rikorrenti qed jipprezentaw konstestwalment rikors ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra s-socjeta intimata.*

*Ghaldaqstant in vista tas-suespost, jghidu l-intimati ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, tiddeciedi din il-kawza billi:*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi fl-ezekuzzjoni tal-mandat taghha s-socjeta intimata kissret it-termini tal-mandat taghha billi ma investitx l-flus tar-rikorrenti skond kif pattwit fil-Management and Agency Contract datat l-01 ta' Novembru 2006 kif ukoll billi naqset milli taghti rendikont ta' l-esekuzzjoni tal-mandat taghha lir-rikorrenti, bi ksur tal-ligi u tal-ftehim imsemmi;*

*2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-hidma tas-socjeta intimata li permezz taghha hija dahlet fil-Management and Agency Contract datat l-01 ta' Novembru 2006 u t-twettiq ta' listess ftehim jiksru id-disposizzjonijiet ta'*

*l-artikolu 3 ta' Kap 370 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu s-socjeta intimata ma ottjenitx licenza ghal servizzi ta' l-investiment u konsegwentement tordna li l-ftehim imsemmi mhuwiex enforzabbli kontra r-rikorrenti a tenur ta' l-art. 20 tal-Kap. 370;*

*3. Tordna lill-intimati solidalment bejniethom, jew li min minnhom, jirrifondu lir-rikorrenti s-somma mhallsa lis-socjeta intimata ta' tletin elf, disa' mija u erbghin Euro u sittin centezmu (€34,940.60) [gia hmistax il-elf Liri Maltin (Lm15,000)] bl-imghaxijiet legali u tillikwida l-qliegh, profitt jew beneficcju iehor li setghu ghamlu l-intimati a skapitu tar-rikorrenti, occorrendo previa il-hatra ta' periti nominandi, u tikkundanna lill-intimati solidalment bejniethom, jew lil min minnhom, ihallsu l-ammont hekk likwidat favur ir-rikorrenti;*

*B' l-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ipprezentat kontestwalment kontra s-socjeta intimata u b'riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti fil-konfront ta' l-intimati jew min minnhom. L-intimati huma minn issa ingunti in subizzjoni.'*

2.2. Illi permezz ta' risposta maħlufa ppreżentata fit-22 ta' Ottubru, 2009 minn Emmanuel Ellul, Claude Grima u Roger Cali f'ismu proprju kif ukoll għas-soċjeta` *Invest BG Limited* (C-38756),[1] wieġbu:

*'1. Illi preliminarjament il-konvenuti Emmanuel Ellul (ID Nru. 801760(M)), Claude Grima (ID Nru. 209574(M)) u Roger Cali' (ID Nru 402567(M)) personalment ma humiex il-legittimi kuntraditturi f'din il-kawza;*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ma sar ebda ftehim personalment bejn il-konvenuti Emmanuel Ellul (ID Nru. 801760(M)), Claude Grima (ID Nru. 209574(M)) u Roger Cali' (ID Nru 402567(M)) u l-atturi u ma hemm l-ebda ness guridiku bejn il-partijiet;*

*3. Illi in linea preliminarjament ukoll din l-azzjoni hija irrita u nulla ghal dak li jirrigwarda d-drittijiet u pretensjonijiet ta' l-atturi qua azzjonisti tas-socjeta' Bulgara u dan peress illi f'kaz huma messhom invokaw id-drittijiet u rimedji rizervati ghall-azzjonisti gewwa l-Bulgarija;*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-ftehim u mandat konkluz bejn l-atturi u ssocjeta' konvenuta Invest BG (C-38756) gie ezegwit bir-reqqa tant illi l-atturi illum huma azzjonisti f'socjeta' Bulgara kif ordnat fl-istess ftehim u mandat. Inghata rendikont verbali lill-atturi u taw lill-atturi c-certifikati ta' registrazzjoni tal-Bulgarija bhala turija ta' l-ezekuzzjoni tal-mandat;*

[1] Fol. 47 *et seq*.

*5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-ftehim pattwit fil-Management and Agency Contract kellu jkun itterminat ma' l-ezekuzzjoni tal-mandat u cioe' mal-mument illi l-atturi jigu debitament registrati bhala azzjonisti fi hdan is-socjeta' Bulgara, liema kundizzjoni sehhet;*

*6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ma hux minnu illi l-ftehim milhuq tal-partijiet jikser id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 3 tal-Kap 370 tal-Ligijiet ta' Malta, ma kienx hemm bzonn ta' licenzja ghall-investiment u ghalhekk l-istess ftehim huwa wiehed validu (izda llum itterminat bl-ezekuzzjoni tieghu);*

*7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost bil-fatt illi l-mandat gie ezegwit u bit-terminazzjoni ta' l-istess ftehim it-tieni talba attrici hija legalment improponibbli;*

*8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti ma humiex obbligati li jirrifondu ebda sommom u jigi dikjarat illi l-esponenti ma kellhomx intenzjoni li jaghmlu qliegh bl-ezekuzzjoni tal-mandat (ossia r-registrazzjoni ta' l-atturi bhala azzjonisti fi hdan issocjeta');*

*9. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.'*

2.3. Il-konvenut Paul Pisani baqa' kontumaċi;

2.4. Fl-udjenza tat-3 ta' Diċembru, 2009, il-Qorti ħatret lil Dr. Paul Gonzi sabiex jiġbor il-provi;[2]

2.5. Inġabru l-provi u saru sottomissjonijiet bil-miktub mill-atturi u uħud mill-konvenuti;[3]

---

[2] Fol. 52.
[3] Fol. 338 *et seq* u fol. 360 *et seq*.

2.6. Fil-11 ta' Frar, 2016 il-perit legali ppreżenta r-rapport u fil-21 t' April, 2016 ikkonfermah bil-ġurament.[4] Fid-19 ta' Ottubru, 2016 il-perit legali wieġeb għal domandi in eskussjoni li saru mill-partijiet;[5]

2.7. B' sentenza mogħtija fit-12 ta' Mejju, 2017 il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet il-kawża billi filwaqt li ċaħdet l-ewwel, it-tieni, it-tielet, il-ħames u s-sebgħa eċċezzjoni tal-konvenuti, u astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba tal-atturi u tar-raba' u s-sitt eċċezzjoni tal-konvenuti, (i) laqgħet it-tieni talba tal-atturi u ddikjarat illi l-ħidma tas-soċjeta` konvenuta li permezz tagħha daħlet fil-*Management and Agency Contract* datat l-1 ta' Novembru, 2006 u t-twettiq ta' l-istess ftehim jiksru d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 3 ta' Kap 370 tal-Liġijiet ta' Malta in kwantu l-konvenuta ma kellhiex liċenzja għas-servizzi tal-investiment. Konsegwentement iddikjarat li l-ftehim ma setax ikun eżegwit kontra l-atturi *a tenur* tal-Art. 20 tal-Kap. 370; u (ii) laqgħet in parte t-tielet talba u ordnat lill-konvenuti solidalment bejniethom jirrifondu lill-atturi s-somma mħallsa lill-konvenuta ta' erbgħa u tletin elf, disa' mija u erbgħin Euro u sittin ċenteżmu (€34,940.60) [ġia ħmistax il-elf Liri Maltin (Lm15,000)], bl-imgħax legali dekoribbli mid-data tan-notifika tar-rikors ġuramentat u spejjeż kontra l-konvenuti.

3. Minn din is-sentenza appellaw:

[4] Fol. 416 *et seq*
[5] Fol. 511 *et seq*.

3.1. Il-<u>konvenuti Claude Grima u Emanuel Ellul</u> – l-aggravji tagħhom huma li: (i) ġiet miċħuda t-tielet eċċezzjoni preliminari; (ii) l-ewwel Qorti ddeċidiet li s-soċjetà *Invest BG*, kellha bżonn liċenzja f'Malta sabiex twettaq il-mandat lilha mogħti mill-atturi; (iii) l-ewwel Qorti ordnat ir-radd lura ta' flus mgħoddija mill-atturi lis-soċjeta` *Invest BG* iżda ma ordnatx ukoll li l-atturi jirritornaw l-ishma li għandhom fil-kumpanija *Manastiry*; (iv) l-ewwel Qorti ordnat il-ħlas ta' imgħaxijiet mid-data tal-preżentata tar-rikors ġuramentat; (v) l-ewwel Qorti qajmet *ex officio* il-kwistjoni tal-*piercing of the corporate veil* ai termini tal-Kap. 386 mingħajr ma ngħataw fakoltà jirrispondu għaliha jew jagħmlu sottomissjonijiet dwarha; u (vi) f' kull każ, skonthom, dan il-kunċett ma ġiex applikat korrettament stante li ma kien hemm l-ebda raġuni fil-liġi għalfejn huma kellhom jinsabu personalment ħatja;

3.2. Il-<u>konvenuti Paul Pisani u Roger Cali</u> – l-aggravji tagħhom huma li: (i) l-ewwel Qorti għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi għal dak li jirrigwarda l-kunċett ta' *lifting of the corporate veil* u fejn sabithom personalment responsabbli għar-radd lura tas-somma pretiża mill-atturi; u (ii) l-ewwel Qorti ma kellhiex tordna rifużjoni tal-ammont oriġinarjament investit mill-appellati meta astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba li fuqha tnisslet it-tielet talba tal-appellati bl-effett illi l-appellati ġew rifużi

s-somma minnhom investita filwaqt li baqgħu jgawdu mill-frott tal-istess investiment; u

3.3. Ir-Riċevitur Uffiċjali, l-Avukat Kevan Azzopardi fil-vesti tiegħu bħala stralċarju in rappreżentanza ta' *Invest BG Ltd* – l-aggravji tiegħu huma illi: (i) ġiet miċħuda t-tielet eċċezzjoni preliminari; (ii) l-ewwel Qorti ddeċidiet li s-soċjeta` *Invest BG* kellha tinħtieġ liċenzja f' Malta sabiex twettaq il-mandat lilha mogħti mill-atturi; (iii) l-ewwel Qorti ordnat ir-radd lura ta' flus mgħoddija mill-atturi lis-soċjeta` *Invest BG* iżda ma ordnatx ukoll l-atturi jirritornaw l-ishma li għandhom fil-kumpanija *Manastiry*; u li (iv) l-ewwel Qorti ordnat il-ħlas ta' imgħaxijiet mid-data tal-preżentata tar-rikors ġuramentat.

Konsiderazzjonijiet

4. Il-fatti prinċipali huma s-segwenti:

4.1. L-appellant Emanuel Ellul xehed[6] illi fis-sena 2006 kien tela' l-Bulgarija flimkien mal-appellati l-oħra Paul Pisani u Claude Grima għaliex kienu nteressati jixtru xi artijiet hemmhekk. Iżda peress illi huma ma kinux ta' nazzjonalità Bulgara setgħu biss jagħmlu dan permezz ta' kumpanija reġistrata fil-Bulgarija stess. Jgħid li peress li kellhom bżonn somma flus

[6] *Iner alia* fl-affidavit tiegħu mmarkat Dok EEA1.

sostanzjali għal dan il-għan, dik is-sena stess waqqfu l-kumpanija Maltija bl-isem *Invest BG Limited* li tagħha kienu diretturi hu stess flimkien ma' Claude Grima, Paul Pisani u Roger Cali. Skont Emanuel Ellul, l-għan ta' *Invest BG Limited* kien illi: (i) tirreklama fis-suq Malti sabiex tiġbor persuni nteressati li jkunu *shareholders* flimkien magħhom fil-kumpanija Bulgara; u (ii) tiġbor il-flus minn dawk il-persuni nteressati sabiex tgħaddihom lill-kumpanija Bulgara li għan-nom tagħha kienet se tinxtara l-art fil-Bulgarija. Fl-istess sena twaqqfet ukoll il-kumpanija *Manastiry Property Limited* skont il-liġi Bulgara;

4.2. L-appellata Maria Cauchi Delia xehdet li f'Ottubru 2006 rat riklam fuq gazzetta lokali permezz ta' liema s-soċjeta` appellanti *Invest BG Ltd* kienet qed tippromwovi nvestiment fi proprjeta` fil-Bulgarija. Is-somma minima li setgħat tiġi nvestita kienet ta' Lm5,000;

4.3. L-atturi appellati kkuntattjaw lis-soċjeta` appellanti u ngħataw appuntament ma' rappreżentant tagħha, il-konvenut appellant Roger Cali, fl-uffiċċju ta' *Zone Real Estate* tas-Sliema. L-appellati xehdu li f'dik l-okkażjoni ġie spjegat lilhom li l-flus kellhom ikunu nvestiti f'kumpanija reġistrata fil-Bulgarija li kellha l-għan esklussiv li tixtri proprjeta` f'dak il-pajjiż. Il-mira kienet illi l-investiment jirdoppja u jiġi likwidat fi żmien sentejn. Jgħidu li ġew infurmati ukoll li uħud mid-diretturi tas-soċjeta` appellanti kienu wkoll qed jinvestu fl-istess kumpanija Bulgara

personalment u li rendikont tal-attivita` tagħha kellu jingħata lill-investituri b'mod regolari;[7]

4.4. Sussegwentement, il-konvenut appellant Roger Cali bagħtilhom abbozz ta' *Management and Agency Contract* li kellu jirregola dak li tkellmu dwaru. L-appellanti kellhom xi domandi dwaru u għalhekk sar inkontru ieħor, din id-darba ma' Dr. Claude-Anne Zammit li assigurathom li kollox kien *in regola.* Għalhekk iddeċidew jinvestu s-somma ta' Lm15,000. Fl-1 ta' Novembru, 2006 iffirmaw il-*Management and Agency Contract* u l-appellati taw il-flus lis-soċjeta` appellanti *Invest BG Limited*.[8] Skont il-ftehim:

> *'75% of the abovementioned amount shall be invested in the shares of the company named Manastiry Property Ltd; and 25% of the abovementioned amount shall be on account for any expenses incurred by the Mandatory on behalf of the Mandator, including the regulation of the land purchased by the company named Manastiry Property Ltd.';*[9]

4.5. Emanuel Ellul jgħid li s-soċjeta` appellanti *Invest BG Limited* għaddiet iċ-ċekk tal-appellati lil *Manastiry Property Limited* minnufih tramite *Fexco* u l-flus kienu depożitati fil-kont ta' *Manastiry Property Limited* fit-8 ta' Novembru, 2006.[10] Sussegwentement, bejn is-6 ta' Diċembru, 2006 u s-6 ta' Frar, 2007, *Manastiry Property Limited* xtrat ħames plots fil-Bulgarija b'kejl ta' 50,300m.k. għall-prezz ta' €754,500;[11]

---

[7] Fol. 55 – 63 u 64 – 67,
[8] Dok. A a fol. 11.
[9] Fol. 16.
[10] Dok. ME2, Dok ME3 u Dok ME4 (Euro *current account*).
[11] Dok. ME5 sa Dok ME10.

4.6. L-appellati xehdu li f'Jannar 2008 huma rċevew ċertifikat ta' 343 ishma ta' 10 leva l-wieħed għal valur totali ta' 3,430 leva[12] f' isem l-appellat Clifford Cauchi waħdu f'kumpanija Bulgara bl-isem *Manastiry Property Ltd.* Dan hu wkoll rifless fit-traduzzjoni bl-Ingliż tal-*Articles of Association* tal-kumpanija *Manastiry Property Ltd* datat 30 ta' Ottubru, 2007,[13] minn liema jirriżulta wkoll li l-ishma maħruġa f' isem l-appellat Clifford Cauchi jirrappreżentaw 3.43% tal-kapital azzjonarju li b'kollox kien ta' 10,000 sehem ta' 10 leva kull wieħed.[14] Skont Emanuel Ellul l-appellati Cauchi daħlu bħala *shareholders* b'dak is-sehem wara li huma stess iffirmaw il-*Memorandum and Articles of Association* tal-kumpanija *Manastiry Property Ltd* fit-30 ta' Ottubru, 2007 u l-Qorti Bulgara, b' sentenza mogħtija fit-28 ta' Diċembru, 2007, awtorizzat iż-żieda tal-kapital tal-kumpanija u l-azzjonisti l-ġodda hemm indikati;[15]

4.7. L-appellant Emanuel Ellul spjega[16] illi, skont ir-rata tal-kambju fl-2006, is-somma ta' Lm15,000 mħallsa mill-appellati kienet ekwivalenti għal €34,505.80.[17] Skont il-*Management and Agency Contract* iffirmat mill-appellati, 25% minn din is-somma kellha tmur għall-ispejjeż inkorsi minn *Manastiry Property Ltd* sabiex tkun tista' tinxtara l-art u l-perċentwal

---

[12] Skont l-affidavits tal-appellati dan huwa ekwivalenti għal €1,753.76.
[13] Fol. 24 et seq. u Dok ME 11 – Dok ME 12.
[14] Dok. B a fol. 24 *et seq*.
[15] Dok. ME13.
[16] *Iner alia* fl-affidavit tiegħu mmarkat Dok EEA1.
[17] Dok. EE (28/05/2014).

rimanenti ta' 75%, ossija €25,879.35 għax-xiri tal-art innifisha. Isostni li '*jekk €754,500 (il-valur globali tal-art), tikkorrispondi għal 100,000 leva,*[18] *is-somma ta' €25,879.35 tal-atturi tikkorrispondi fi 3430 leva, u cjoé 340 sehem. Filfatt is-somma ta' 3430 leva għan-nom ta' Clifford Cauchi ġiet depożitata fil-kont bankarju ta' Manastiry Property Ltd.'*[19]

***L-EWWEL AGGRAVJU TA' CLAUDE GRIMA U EMANUEL ELLUL U L-AGGRAVJU TAR-RIĊEVITUR UFFIĊĊJALI, L-AVUKAT KEVAN AZZOPARDI FIL-VESTI TIEGĦU BĦALA STRALĊARJU IN RAPPREŻENTANZA TA' INVEST BG LTD – IĊ-ĊAĦDA TAT-TIELET EĊĊEZZJONI PRELIMINARI TAL-KONVENUTI.***

5. Permezz ta' dan l-aggravju l-appellanti jilmentaw mill-fatt li ġiet miċħuda t-tielet eċċezzjoni preliminari tagħhom, ossija, illi '*din l-azzjoni hija irrita u nulla għal dak li jirrigwarda d-drittijiet u pretensjonijiet tal-atturi qua azzjonisti tas-soċjetà Bulgara u dan peress illi f'każ huma messhom invokaw id-drittijiet u rimedji riżervati għall-azzjonisti ġewwa l-Bulgarija'.*

6. F'dan ir-rigward l-ewwel Qorti qalet:

> *'Il-Qorti hija tal-fehma illi din l-eccezzjoni preliminari hija ictu oculi nfondata. Kif jidher mir-rikors guramentat tar-rikorrenti, u kif sostenut mix-xhieda taghhom, l-ilment taghhom f'din l-azzjoni m'huwiex fir-rigward tal-kumpanija Bulgara, izda fir-rigward tas-socjeta intimata, u cioe illi s-socjeta intimata ma adempietx il-mandat moghti lilha mir-rikorrenti bil-mod patwit, u illi meta dahlet fil-ftehim in kwistjoni mar-rikorrenti, is-socjeta intimata ma kienetx koperta bil-permessi*

[18] Il-valur tal-kapital azzjonarju.
[19] Dok. ME14, l-aħħar *entry* f' Dok ME 15 (*current account* f' munita Bulgara) u Dok ME 16 sa Dok ME 22.

> *necessarji sabiex tezercita n-negozju taghha. Huwa car li dawn l-ilment m'ghandhom xejn x'jaqsmu mal-kumpanija Bulgara u d-drittijiet tar-rikorrenti bhala azzjonisti taghha, izda huma ilmenti strettament relattivi ghas-socjeta intimata. Minn dan isegwi illi n-nullita' u rritwalita argumentata mill-intimati ma tezistix.'*

7. L-appellanti Claude Grima, Emanuel Ellul u *Invest BG Ltd* jinsistu iżda li ġaladarba l-flus għaddew lil *Manastiry Property Limited* u din tal-aħħar akkwistat l-artijiet fil-Bulgarija, l-mandat in kwistjoni ġie eżegwit u intemm. Jikkontendu li ladarba huma saru azzjonisti fis-soċjeta` Bulgara *Manastiry Property Limited 'kellhom kull jedd illi jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom qua komproprjetarji tal-kumpannija Bulgara sabiex jivverifikaw dak li kien qed isir il-Bulgarija ... kieku riedu rendikont ta' l-amministrazzjoni tal-kumpannija Bulgara li fihom marru l-flus tagħhom dan messhom għamluh fil-kumpannija Bulgara u mhux lis-soċjetà Maltija Invest BG. Din il-pern tal-kwistjoni: il-kawża tal-appellati tirreferi għall-amministrazzjoni tal-flus ta' l-appellati fi ħdan is-soċjetà Bulgara u minflok ħadu l-passi legali bħala l-azzjonisti ta' l-istess soċjetà, talbu rendikont lill-kumpannija Maltija li fiha ma kien sar ebda depożitu ta' flejjes.'*

8. Kif tajjeb osserva l-perit legali,[20] is-servizz li offriet *Invest BG Limited* kien wieħed ta' mandatarju li offra u aċċetta, bi ħlas, li jieħu f'idejh flus ta' terzi u jieħu ħsiebhom, jinvestihom, u fl-aħħar mill-aħħar jagħmel l-aħjar li jista' fl-interess ta' dawk it-terzi biex jagħmlu qligħ. Dan jirriżulta

[20] *Vide, inter alia,* paragrafu 49 tar-rapport tiegħu.

minn diversi klawżoli tal-*Management and Agency Contract* bejn l-atturi appellati u *Invest BG Limited* fosthom is-segwenti:

> *'Art. 1. Subject of Contract*
>
> *In virtue of this Contract, the Mandatory undertakes to invest all monies entrusted to him by the Mandator in real estate in Bulgaria. The Mandatory shall search the most suitable real estate, whether land or property under any title at law whatsoever for the purposes of investment and shall invest the monies of the Mandator in such real estate. For this purposes [sic.] the Mandatory may also set up companies in Bulgaria and invest the monies of the Mandator in real estate through such companies.*
>
> *....*
>
> *Art. 3. The Mandatory's Obligations:*
>
> *1. (i) to announce to the Mandator every conducted transaction including the setting up of a company from which the Madator shall operate;*
>
> *(ii) to act in the interest of the Mandator, when managing the Mandator's issues, with special care and keeping the highest degree of confidentiality possible ...;*
>
> *(iii) to use his knowledge for making the respective contract as advantageous as possible;*
>
> *(iv) to ask for the Mandator's instructions ....*
>
> *2. (i) In the event that during the management of the monies of the Mandator by the Mandatory, the Mandatory is going to sell any property, properties, or part thereof, in which the Mandator may be owner or co-owner, the said Mandator together with any and all co-owners will be given the right of first refusal and this after the Mandatory would have confirmed the hightst offer for sale on the said property...'*

9. Aktar minn hekk, l-istess kuntratt jistipula illi:

> *'Art. 6 – Terms of Payment*
>
> *...*

*2. The Mandatory's fee for the said investment in Bulgaria shall become payable only when the Mandator requests either the withdrawal of his investment, or, where the Mandator instructs sale of the property in which investment has been made and in all cases the fees shall be notified by the Mandatory in writing to the Mandator.*

*...*

*Art. 7 Payments in case of default*

*1. Whenever the Mandatory fails to obtain the necessary return on the investment on real estate, the Mandator shall in call cases be obliged to reimburse all espenses incurred by the Mandatory.*

*2. The Mandator shall entrust to the Mandatory for Investment under this Agreement, the amount of money stipulated in Schedule 1 hereunder .....*

*...*

*Art. 9 – Period of Agreement*

*...*

*2. This Contract can be terminated in writing three(3) months before and with the agreement of both Contracting Parties ... '*

10. Konsegwenti għal dan, permezz ta' prokura annessa bħala *Schedule III* mal-istess ftehim, l-atturi appellati taw is-setgħa lis-soċjeta\` appellanti *Invest BG Ltd*:

*'1) to administer all sums of monies entrusted to him and invest same in real estate in Bulgaria either directly or through companies set-up for this purpose;*

*2) to perform any and all acts ancillary and necessary for the proper fulfilment of his obligations'*

11. Bla dubju għalhekk, l-appellanti m' għandhomx raġun jikkontendu li l-kuntratt '*ġie eżegwit u ntemm'* meta l-atturi appellati saru azzjonisti f' *Manastiry Property Limited.* Skont il-ftehim is-soċjeta\` appellanti kellha

tibqa' – u filfatt baqgħet – responsabbli li żżomm kontroll fuq l-investiment tant li kellha tillikwidah fiż-żmien opportun. Altru għalhekk milli s-soċjeta` appellanti *Invest BG Ltd* m' għandhiex twieġeb għall-amministrazzjoni tal-flejjes li nvestit fil-kumpanija Bulgara *Manastiry Property Ltd*.

12. Għalhekk tiċħad l-ewwel aggravju.

*IT-TIENI AGGRAVJU TA' CLAUDE GRIMA U EMANUEL ELLUL U T-TIENI AGGRAVJU TAR-RIĊEVITUR UFFIĊĊJALI, L-AVUKAT KEVAN AZZOPARDI FIL-VESTI TIEGĦU BĦALA STRALĊARJU IN RAPPREŻENTANZA TA' INVEST BG LTD – JEKK IS-SOĊJETA` APPELLANTI KELLIEX BŻONN LIĊENZJA SABIEX TWETTAQ IL-MANDAT MOGĦTI LILHA MILL-APPELLANTI*

13. L-appellanti argumentaw li ma jistgħux jaqblu mal-ewwel Qorti meta kkonkludiet illi s-soċjeta` *Invest BG Ltd* kellha bżonn liċenzja sabiex twettaq il-mandat mogħti lilha mill-appellati.

14. Il-konsiderazzjonijiet relattivi li saru mill-ewwel Qorti kienu dawn:

> *"Il-Qorti tibda l-ewwel nett billi tirrimarka li ghandu ragun il-Perit Legali meta jghid li l-ligi applikabbli f'din il-kawza hija l-ligi li kienet in effett fil-mument tal-iffirmar tal-ftehim bejn il-partijiet, u cioe dik in effett fl-2006, u mhux il-ligi kif sussegwentement emendata li ghaliha jaghmlu referenza l-intimati. Peress illi skont l-istess kapitolu, fejn hemm differenza bejn it-test Ingliz u t-test Malti ghandu jipprevali t-test Ingliz, il-Qorti sejra ticcita l-artikoli relevanti mit-test Ingliz, u dan fl-istat li kien fl-2006.*

*L-Artikolu 3 tal-Kapitolu 370 tal-Ligijiet ta' Malta kien sa mill-2006 jiddisponi illi:*

*"(1) No person shall provide, or hold himself out as providing, an investment service in or from within Malta unless he is in possession of a valid investment services licence.*

*(2) No body corporate, unincorporated body or association formed in accordance with or existing under the laws of Malta, shall provide or hold itself out as providing an investment service in or from within a country, territory or other place outside Malta unless it is in possession of a valid investment services licence. […]"*

*Fl-2006, il-ligi kienet tiddefinixxi "servizz ta' investiment' b'dan il-mod:-*

*"investment service" means any service falling within the First Schedule when provided in relation to an instrument".*

*...*

*L-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 370, fl-2006 kienet tinkludi, inter alia, is-segwenti servizzi:*

*"1. Dealing as Principal or Agent*

*Buying, selling, subscribing for or underwriting instruments as principal or agent.*

*2. Arranging Deals*

*Arranging for another person to buy, sell, subscribe for or underwrite instruments"*

*3. Management of Investments*

*Managing or agreeing to manage assets belonging to another person if those assets consist of or include one or more instruments or the arrangements for their management are such that the person managing or agreeing to manage those assets has a discretion to invest any of those assets in one or more instruments.*

*[…]*

*5. Investment Advice*

*Giving, or offering or agreeing to give, to persons in their capacity as investors or potential investors:*

*- advice on the merits of their purchasing selling, subscribing an instrument, or exercising any right conferred by an instrument to acquire, dispose of, underwrite or convert an instrument; or*

*- advice in relation to a scheme or arrangement involving an instrument.*

*[…]".*

*Imbaghad, permezz tat-Tieni Skeda, il-Kapitolu 370 kien jiddefinixxi strument, inter alia, b'dan il-mod:-*

> *"1. (1) Securities, including shares and stocks of capital of a company, debentures, debenture stock, loan stock, certificates of deposits, bonds, notes and any other instruments creating or acknowledging indebtedness.*
>
> *[…]*
>
> *2. Units in a collective investment scheme.*
>
> *[…]*
>
> *4. Certificates or other instruments which confer property rights in respect of any instrument falling within this Schedule"*

*Fil-kaz odjern m'huwiex kontest x'kien ir-rwol tas-socjeta intimata fin-negozju konkluz bejn il-partijiet li principalment kellha tiehu l-flus li jghaddulha r-rikorrenti u tinvestihom f'ishma f'kumpanija Bulgara li kienet involuta f'bejgh u xiri ta' proprjeta. Jirrizulta, u mhux kontestat illi s-socjeta intimata kienet harget riklam sabiex tattira investituri potenzjali u kienet qed taghtihom pariri rigward dan l-investiment, fosthom illi dan kien investiment ghaqli ghaliex il-kumpanija*

*Bulgara kienet limited liability u ghalhekk ir-riskji kienu mnaqqsa, u illi l-investiment tar-rikorrenti kien ser jirdoppja fi zmien sentejn, biex b'hekk thajjar lir-rikorrenti sabiex jidhlu ghal dan l-investiment.*

*Ghalkemm l-intimati jipprovaw jargumentaw illi dan kien investiment fi proprjeta u huma kienu biss qishom kuntratturi, fir-realita ir-rikorrenti ma investewx flushom f'proprjeta' b'mod dirett izda permezz ta' ishma gewwa kumpannija Bulgara, u ishma jissarfu fi strument ghal-finijiet tad-definizzjoni ta' strument misjuba fil-ligi fl-2006. Filfatt ir-rikorrenti ma investewx bl-iskop illi jgawdu direttament mill-proprjeta, izda kif ben irrelata l-Perit Legali, ghamlu nvestiment b'riskju kummercjali biex forsi jaghmlu qligh fil-mument li jirtiraw mill-investiment.*

*Barra minn hekk, huwa relevanti wkoll illi fil-mument tal-iffirmar tal-ftehim in kwistjoni, irrikorrenti lanqas kienu jafu min kienu l-investituri l-ohra u/jew liema proprjeta kienet ser tinxtara u strahu fuq il-pariri u d-direzzjoni tas-socjeta' intimata, u filfatt il-ftehim kien jikkoncedi ikorrenti.*

*Ghalhekk l-argument tal-intimati illi dan kien negozju semplici, fejn is-socjeta intimata kellha posizzjoni u rwol simili ghal dak ta' kuntrattur, ma jregix. Il-Qorti taqbel perfettament mal-Perit Legali illi s-socjeta intimata kienet qed toffri "servizz ta' investiment" li jaqa' taht l-iSkeda I u l-iSkeda II tal-Kap 370, u ghalhekk taghmel taghha l-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet tal-Perit Legali f'dan ir-rigward.*

> *Minn dan isegwi, illi s-socjeta intimata kellha bzonn licenzja sabiex topera u toffri tali servizzi ta' investiment skont il-ligi, licenzja illi ex admissis l-intimati jaqblu li s-socjeta intimata ma kellhiex.'*

15. B'dan l-aggravju, l-appellanti jisħqu li ma jistgħux jaqblu illi s-soċjeta` *Invest BG Ltd* kellha bżonn liċenzja sabiex twettaq il-mandat mogħti lilha mill-appellati. Jinsistu għal darb' oħra li l-uniku rwol tas-soċjeta` appellanti kien ta' *mandatarja* u l-mandat tagħha kien ristrett sabiex: (i) titrasferixxi l-flus tal-mandanti lill-kumpanija Bulgara; u (ii) tassigura li l-kumpanija Bulgara tixtri l-art ġewwa l-Bulgarija u li '*l-mandat ma kien jinvolvi ebda servizz ta' investiment u allura wisq anqas li kien hemm xi obbligazzjoni da parte tas-soċjetà konvenuta illi titlob l-awtorizzazzjoni u l-ħruġ ta' liċenzja mill-MFSA.'* Filwaqt li jikkonċedu illi kien hemm bdil fil-liġi bejn id-data tal-ftehim u s-sentenza appellata, jikkontendu li l-emendi sussegwenti jirrendu aktar ċara t-tifsira tan-natura tal-ishma li għalihom tirreferi t-tieni skeda u jsostnu li l-ishma in kwistjoni ma jikkrejawx '*indebtedness'* u għalhekk ma kienx hemm ħtieġa ta' liċenzja. Jgħidu li dan kien investiment permezz ta' *joint venture* f' *real estate* u mhux investiment finanzjarju. Jisħqu li l-atturi appellati huma t-tnejn professjonisti komputisti u għaldaqstant midħla ta' dak li għandu jiġi kkunsidrat bħala skema ta' investiment *o meno* u kif jopera s-suq finanzjarju.

16. L-appellati għandhom il-professjoni ta' *accountant*. Mhuwiex kontestat li s-soċjeta` appellanti operat mingħajr il-liċenzja tal-*MFSA*; il-

kontestazzjoni hija dwar jekk kinitx legalment obbligata tikseb dik il-liċenzja biex tipprovdi s-servizzi minnha offruti.

17. F'dan ir-rigward dak miftiehem fil-*Management and Agency Contract* mhuwiex sempliċi mandat ta' xiri ta' ishma, kif allegat mill-appellanti, iżda jmur oltre kif spjegat fil-konsiderazzjonijiet dwar l-ewwel aggravju. Wara kollox, il-kuntratt in kwistjoni tħejja mill-kumpanija appellanti stess u għalhekk, bla dubju, kienet taf ben tajjeb x' obbligi daħlet għalihom. Irrispettivament mill-fatt jekk l-istess kumpanija onoratx dawk l-obbligi jew le, kellha bżonn liċenzja biex tintrabat li toffri tali servizzi u ma tistax issa ġġib skuża bil-fatt li wara li għaddiet il-flus lis-soċjeta` Bulgara *Manastiry Property Ltd* u ġew reġistrati xi ishma f''isem wieħed mill-appellati biex ħaslet idejha mill-kumplament tal-obbligazzjonijiet li daħlet għalihom.

18. F'dan il-kuntest issir referenza għall-Kap. 370 tal-Liġijiet ta' Malta fis-seħħ fl-2006 meta sar il-ftehim in kwistjoni. Skont dik il-liġi liċenzja kienet meħtieġa għal '*servizzi ta' investiment*', jew aħjar għal kull servizz u attivita` ta' negozju bħala prinċipal jew aġent, arranġamenti biex isir negozju, tmexxija u amministrazzjoni, trustee, kustodju jew detentur nominee u pariri fuq investiment meta tali servizz / attivita` tiġi provduta f'dak li għandu x'jaqsam ma' '*strument'* bħal ma huma titoli, inklużi ishma. Kuntrarjament għal dak li beda jsostni l-istralċarju waqt it-trattazzjoni, il-

kliem *"and any other instruments creating or acknowledging indebtedness"* ma jfissirx li l-*instrument* irid ikun bilfors qiegħed jikkreja jew jirrikonoxxi *'indebtedness'*.

19. F' dan il-każ:

19.1. L-atturi appellati ma nvestewx flushom direttament f'immobbli imma fl-akkwist ta' ishma li jirrikonoxxu debitu (għalkemm il-valur nominali tal-istess huwa ferm anqas mis-somma nvestita);

19.2. L-investiment sar ma' investituri oħra fosthom l-appellanti nfushom b'ammonti ta' flus differenti;

19.3. L-investiment sar wara li s-soċjeta` għamlet riklam f'gazzetta bl-għan li tħajjar investituri bħall-appellati;

19.4. Il-kumpanija appellanti *Invest BG Ltd* kellha diskrezzjoni wiesa' dwar kif tamministra l-investiment tal-appellati;

19.5. Il-ftehim kien fih riskju kummerċjali għall-appellati;

19.6. Skont il-ftehim, l-obbligi kuntrattwali ta' *Invest BG Ltd* kellhom ikomplu sakemm: (a) l-appellati jinnotifikawha b'rikjesta sabiex jirtiraw l-

investiment tagħhom;[21] jew (b) jiġi terminat il-kuntratt bi qbil bejn iż-żewġ partijiet wara pre-avviż bil-miktub ta' tliet xhur.[22]

20. Għaldaqstant, din il-Qorti hi wkoll tal-fehma li s-servizz li ngħata mill-kumpanija appellanti hu '*servizz ta' investiment*' li jissemma fl-Artikolu 3 tal-Kap. 370 skont id-definizzjonjiet tal-istess fiż-żmien pertinenti. *Invest BG Ltd* kellha bżonn liċenzja f'Malta sabiex twettaq il-mandat lilha mogħti mill-atturi.

21. Hu veru li ma tressaqx bħala xhud rappreżentant tal-MFSA sabiex jikkonferma li l-kumpanija appellanti kellha bżonn liċenzja skont id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 370. Pero' dan ma jfissirx li l-appellati ma tawx prova dwar it-tieni talba peress li ressqu l-provi ta' x'kien l-investiment, u mbagħad l-ewwel Qorti applikat il-liġi. Sabiex tiddeċiedi jekk *Invest BG Ltd* kellhiex bżonn liċenzja, l-ewwel Qorti wara li għamlet apprezzament tal-provi applikat il-liġi. Sabiex isir dak l-eżerċizzju d-deċiżjoni tal-Qorti ma kinitx tiddependi minn xhud tal-MFSA.

22. B'referenza għall-emendi li saru fil-Kap. 370 u daħlu fis-seħħ wara l-2006, din il-Qorti taqbel mat-tweġiba tal-perit legali għad-domanda in eskussjoni numru 8.[23] Fl-2006 it-Tieni Skeda tal-Att dwar Servizzi ta'

[21] Klawsola 8.1.
[22] Klawsola 9.2.
[23] Fol. 514.

Investiment (Kap. 370) ma kinitx tipprovdi li t-titoli trasferibbli li għalihom tirreferi l-ewwel partita riedu jkunu '*negozjabbli fuq is-suq Kapitali*' b'dan illi, kuntrarjament għal dak pretiż mill-appellanti, tali kwalifika ma tistax tiġi applikata għall-każ in eżami. F'kull każ, ma saritx prova li teskludi li l-ishma in kwistjoni kienu hekk trasferibbli.

23. Tiċħad it-tieni aggravju.

*IT-TIELET AGGRAVJU TA' CLAUDE GRIMA U EMANUEL ELLUL; IT-TIELET AGGRAVJU TAR-RIĊEVITUR UFFIĊĊJALI, L-AVUKAT KEVAN AZZOPARDI FIL-VESTI TIEGĦU BĦALA STRALĊARJU IN RAPPREŻENTANZA TA' INVEST BG LTD; U T-TIENI AGGRAVJU TA' PAUL PISANI U ROGER CALI – FEJN L-EWWEL QORTI ORDNAT IR-RADD LURA TAL-FLUS BL-IMGĦAX MINGĦAJR MA ORDNAT UKOLL IR-RADD LURA TAL-ISHMA.*

24. L-appellanti jilmentaw ukoll mill-fatt illi filwaqt li l-konvenuti ġew ordnati jagħtu lura l-flus li ngħataw mill-appellati lil *Invest BG Ltd* bl-imgħax, ma ġiex ordnat ukoll ir-radd lura tal-ishma tal-appellati fil-kumpanija Bulgara *Manastiry Property Ltd.* Jikkontendu li dan jammonta għal arrikkiment inġust. Min-naħa l-oħra Paul Pisani u Roger Cali jilmentaw li l-ewwel Qorti ma kellhiex tordna rifużjoni tal-ammont oriġinarjament investit mill-appellati meta astjeniet milli tikkunsidra l-ewwel talba li fuqha tnisslet it-tielet talba tal-appellati u b'riżultat ta' liema

l-appellati għandhom jiriċeivu lura l-flus li nvestew filwaqt li baqgħu jgawdu mill-frott tal-istess investiment.

25. L-appellati min-naħa l-oħra jikkontendu illi s-sentenza appellata hi konformi mal-Artikolu 20 tal-Kap. 370 li jipprovdi:

*'20. Ftehim ta' investiment li jsir –*

*(a) minn persuna fil-waqt li tkun qed tipprovdi servizz ta' investiment bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3;*

*Jew*

*(b) mid-detentur ta' liċenza għal servizzi ta' investiment jew minn persuna eżentata minħabba xi ħaġa li tkun intqalet jew saret minn persuna fil-waqt li tkun qed tipprovdi servizz ta' investiment bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3,*

*ma jkunx jista' jiġi nfurzat kontra l-parti l-oħra; u dik il-parti l-oħra jkollha l-jedd li tieħu lura kull flus imħallsa, jew kull proprjetà oħra trasferita minnha taħt il-ftehim, jew meta dik il-proprjetà ma tkunx tista' hekk tintradd lura, dik il-parti jkollha l-jedd li minflokha tieħu lura l-valur li kellha meta sar il-ftehim, flimkien ma' kumpens għal kull telf li tkun ġarrbet minħabba dak il-ħlas jew it-trasferiment jew minħabba li ma tkunx tista' tieħu lura l-proprjetà trasferita u kull qligħ li jista' jkun sar minħabba li dawk il-flus jew il-proprjetà l-oħra kienu ġew trasferiti minnha:*

*Iżda meta fuq talba għal radd lura taħt dan l-artikolu, il-qorti tkun sodisfatta li –*

*(i) f'każ li jaqa' taħt il-paragrafu (a), il-persuna hemm imsemmija tkun b'mod raġonevoli ħasbet li ma kenitx qed tikser l-imsemmi artikolu 3; jew*

*(ii) f'każ li jaqa' taħt il-paragrafu (b), id-detentur tal-liċenza jew persuna eżentata la kien jaf u lanqas seta' jkun jaf li l-ftehim kien sar bil-mod kif imsemmi f'dak il-paragrafu,*

*il-qorti tista' tilqa' li ftehim ta' investiment li għalih japplika dan l-artikolu jkun eżegwit u l-flus jew il-proprjetà mħallsa jew trasferita bis-saħħa tiegħu jinżammu.'*

26. L-ewwel Qorti sabet illi l-*proviso* ta' dan l-Artikolu mhux applikabbli għall-każ odjern u għalhekk laqgħet it-talba tal-atturi għar-rifużjoni tas-somma minnhom mħallsa. Qieset iżda li l-ebda somma oħra ma hi dovuta rappreżentanti telf ta' qligħ:

> *'... kien jinkombi fuq ir-rikorrenti illi jgibu prova tal-qliegh illi seta' lahaq akkumula mill-investiment. Filfatt il-Perit Legali stess fir-rapport tieghu irrelata illi hemm bzonn li jinhatar perit espert sabiex ikun jista' jikkonstata jekk kienx hemm qliegh u jekk kien hemm, jillikwida l-ammont dovut bhala qliegh lir-rikorrent. Pero r-rikorrenti naqsu milli jressqu talba appozita ghal hatra ta' perit espert, u naqsu ghal kollox milli jressqu prova f'dan ir-rigward. Ghalhekk, galadarba il-Qorti hija sprovvista minn provi rigward il-qliegh li seta' sar minn dan l-investiment, ma tistax tordna tali hlas, izda tista' tordna biss ir-rifuzjoni tas-somma originarjament trasferita mir-rikorrenti.'*

27. Mhuwiex kontestat illi, wara l-investiment l-appellat Clifford Cauchi sar azzjonist fil-kumpanija *Manastiry Property Ltd.* Skont id-dokumenti eżebiti u x-xhieda ta' Emanuel Ellul, akkwista tliet mija u tlieta u erbgħin (343) sehem fil-kumpanija Bulgara. Li hu ferm stramb hu li l-valur ta' dawk l-ishma ma jirriflettix l-investiment ta' Lm15,000 li għamlu l-atturi. L-argument tal-appellanti li l-investiment ta' Lm15,000 hu rifless fil-valur tal-immobbli li akkwistat il-kumpanija Bulgara, mhuwiex konvinċenti. L-atturi ma nvestewx personalment f'immobbli imma f'ishma.

28. Peress li *Invest BG Ltd* ma kellhiex liċenzja kif kienet titlob il-liġi fiż-żmien relattiv, b'applikazzjoni tal-Art. 20 tal-Kap. 370 il-ftehim ma jistax ikun infurzat. Għalhekk skont l-istess liġi l-atturi appellati għandhom jedd li jitolbu lura l-flus li taw lil *Invest BG Ltd* sabiex isir l-investiment.

Madanakollu, fin-nuqqas ta' prova dwar telf ta' qligħ, l-ebda somma jew kumpens ieħor ma huwa dovut lill-appellati.

29. Għal dak li jirrigwarda t-trasferiment tal-ishma reġistrati f'isem l-appellat Clifford Cauchi fil-kumpanija *Manastiry Properties Ltd*, it-talba li kellha quddiemha l-ewwel Qorti kienet għar-rifużjoni tal-flus li l-atturi nvestew ai termini tal-Art. 30 tal-Kap. 370. Il-kumpanija konvenuta m'għamlitx rikonvenzjoni biex l-ishma reġistrati f'isem l-attur jiġu trasferiti lilha.

30. Madankollu meħud in konsiderazzjoni dak li ġie deċiż u li ser iwassal sabiex l-atturi jitħallsu lura l-investiment li għamlu daqslikieku qatt ma sar, konsegwenza oħra għandha tkun li t-343 ishma reġistrati f'isem l-appellat Clifford Cauchi fil-kumpanija estera *Manastiry Properties Ltd* jingħataw lil *Invest BG Ltd* li tat is-servizz. Ovvjament trasferiment li għandu jsir kontestwalment mal-ħlas li hu dovut lill-atturi.

31. Għaldaqstant, tilqa' l-aggravju għat-trasferiment tal-ishma reġistrati f'isem l-attur fil-kumpanija *Manastiry Properties Ltd*.

<u>*IR-RABA' AGGRAVJU TA' CLAUDE GRIMA U EMANUEL ELLUL U R-RABA' AGGRAVJU TAR-RIĊEVITUR UFFIĊĊJALI, L-AVUKAT KEVAN AZZOPARDI FIL-VESTI TIEGĦU BĦALA STRALĊARJU IN RAPPREŻENTANZA TA' INVEST BG LTD -*</u>

*IL-ĦLAS TA' IMGĦAXIJIET MID-DATA TAL-PREŻENTATA TAR-RIKORS ĠURAMENTAT.*

32. L-appellanti jilmentaw ulterjorment illi: (i) l-imgħax legali jiżboq kull imgħax kummerċjali; (ii) li l-kawża twalet inutilment u mhux minħabba xi tort imputabbli lilhom; u (iii) li l-imgħax bir-rata ta' 8% għal għaxar snin huwa sproporzjonat għalihom. Jikkontendu għalhekk li kwalsiasi mgħax li jista' jkun dovut għandu jiddekorri mid-data tas-sentenza sal-mument tal-ħlas effettiv.

33. Il-Kodiċi Ċivili jipprovdi s-segwenti:

> *'1141. (1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.*
>
> *(2) F' kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minndak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b' att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.'*

34. L-ewwel Qorti ordnat li l-imgħax għandu jitħallas mid-data tan-notifika tar-rikors ġuramentat.

35. Mill-aspett legali, id-deċiżjoni appellata hi konformi mal-liġi. Dwar l-allegat dewmien, mill-atti jirriżulta li l-kawża nbdiet fit-28 ta' Ottubru, 2009, ġiet appuntata għas-smigħ fit-3 ta' Diċembru, 2009 u fis-seduta tat-

22 ta' Marzu, 2012 l-atturi għalqu l-provi.[24] F'dak il-perjodu ta' ftit aktar minn sentejn inħlew diversi seduti għaliex il-konvenuti ma dehrux sabiex jixhdu, u minkejja li kienu nfurmati.[25] Minn hemm 'l quddiem il-kawża tħalliet għall-provi tal-konvenuti. Emanuel Ellul tressaq jixhed 3 darbiet u sussegwentement ippreżenta l-affidavit tiegħu f'seduta numru 21. Tressqu diversi xhieda oħra u saru l-kontroeżamijiet. Il-provi ngħalqu fil-11 ta' Novembru, 2014. L-atturi ppreżentaw in-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom fit-23 ta' Frar, 2015 (it-terminu ġie estiż fin-nuqqas ta' oppożizzjoni tal-konvenuti) filwaqt li l-konvenuti ppreżentaw in-nota responsiva tagħhom fit-8 ta' April, 2015. Ir-relazzjoni tal-perit legali ġiet preżentata fil-11 ta' Frar, 2016 u maħlufa fil-21 t' April, 2016. Id-domandi in eskussjoni ppreżentati f' Lulju 2016 twieġbu fid-19 t'Ottubru, 2016. It-trattazzjoni saret fis-7 ta' Diċembru, 2016 u matul l-istess udjenza l-atturi ppreżentaw nota b'sottomissjonijiet ulterjuri. L-ewwel Qorti tat is-sentenza fis-seduta tat-12 ta' Mejju, 2017, u appellaw il-konvenuti kollha (tliet appelli b'kollox).

36. Kuntrarjament għal dak allegat, il-konvenuti appellanti jaħtu għal bosta dewmien f'din il-kawża. Fejn id-dewmien ma kienx direttament attribwibbli lilhom, ma jirriżultax li qatt ilmentaw minn hekk lill-Qorti. Kien biss fil-11 ta' Frar, 2020 li r-riċevitur uffiċjali f'isem is-soċjeta` *Invest BG Ltd* talab lil din il-Qorti tappunta l-appelli b'urġenza. Dan apparti li diment

[24] Fol. 448.
[25] Seduti numru 4, 5, 9, 11 u 14.

li l-ewwel Qorti osservat il-liġi għal dak li jikkonċerna ħlas ta' imgħax, mhemmx bażi għall-ilment tal-konvenuti appellanti.

37. Għaldaqstant, tiċħad ir-raba' aggravju.

IL-ĦAMES AGGRAVJU TA' CLAUDE GRIMA U EMANUEL ELLUL

38. Permezz tal-ħames aggravju tagħhom, l-appellanti Claude Grima u Emanuel Ellul jilmentaw illi filwaqt li l-ewwel Qorti għandha s-setgħa tqajjem *ex officio* il-kwistjoni tal-*piercing of the corporate veil ai termini* tal-Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386), ma kellhiex tagħmel dan mingħajr ma qabel tagħti lill-konventuti l-fakolta` jirrispondu għaliha jew jagħmlu sottomissjonijiet dwarha.

39. Is-sentenza appellata ma kinitx ibbażata fuq il-Kap. 386. Il-konvenuti Claude Grima, Paul Pisani, Emanuel Ellul u Roger Cali ġew dikjarati responsabbli ma' *Invest BG Ltd* għall-ħlas tas-somma dovuta lill-appellati minħabba l-prinċipju ta' *fraus omnia corrumpit*. L-ewwel Qorti rraġunat:

> *'Il-Qorti tqis illi f'dawn ic-cirkostanzi ma tistax thalli lill-intimati jevadu r-responsabbilita personali taghhom billi jinhbew wara s-socjeta intimata b'applikazzjoni tal-principju fraus omnia corrumpit. Kif ghamlu il-Qrati Malta f'sitwazzjonjiet konsimili, il-Qorti hija tal-fehma illi ghandha thares lil'hinn mill-principju tal-personalita separata u distinta ta' entita morali, u ma thallix lill-intimati jibbenefikaw minn dan il-principju ikkonsidrat l-imgieba skoretta taghhom.*

> *Ghalhekk f'dan ir-rigward qed twarrab il-konkluzjoni tal-Perit Legali, u tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni preliminari tal-intimati.'*

40. Fis-seduta tas-7 ta' Diċembru, 2016 l-atturi ppreżentaw nota flimkien ma' ġurisprudenza dwar l-istess prinċipju. F'dak l-istadju l-appellati m'oġġezzjonawx u lanqas talbu sabiex iwieġbu permezz ta' nota. Minflok ressqu l-argumenti tagħhom dwar dik il-kwistjoni u l-ġurisprudenza fl-istadju tat-trattazzjoni orali. Għalhekk mhuwiex veru li l-kwistjoni dwar ir-responsabbilta` tal-konvenuti tqajmet *ex officio* mill-ewwel Qorti mingħajr l-appellanti ma ngħataw l-opportunita` li jagħmlu sottomissjonijiet dwar l-istess.

41. Għaldaqstant, tiċħad l-aggravju.

*<u>IL-ĦAMES U S-SITT AGGRAVJU TA' CLAUDE GRIMA U EMANUEL ELLUL U L-EWWEL AGGRAVJU TA' PAUL PISANI U ROGER CALI PERMEZZ TA' LIEMA JIKKONTENDU LI F' KULL KAŻ IL-KUNĊETT TAL-LIFTING OF THE CORPORATE VEIL MA ĠIEX APPLIKAT KORRETTAMENT.</u>*

42. L-appellanti Claude Grima u Emanuel Ellul jilmentaw illi ma kien hemm l-ebda raġuni fil-liġi għalfejn l-ewwel Qorti kkundannathom personalment skont il-Kap. 386 u l-prinċipju *fraus omnia corrumpit.* L-appellanti Paul Pisani u Roger Cali da parti tagħhom jgħidu li l-ewwel Qorti ma setgħat qatt tapplika l-prinċipju *fraus omnia corrumpit* fil-konfront

tagħhom fuq fatti li l-appellati, *qua accountants,* kienu kompetenti jistabilixxu. L-appellati kollha jisħqu li ma tirriżulta l-ebda prova in atti ta' misappropriazzjoni jew frodi u lanqas li l-flus intużaw minnhom għal skopijiet oħra mingħajr il-kunsens tal-appellati. Jenfasizzaw illi mill-provi jirriżulta anzi li huma għaddew il-flus mgħoddija lilhom mill-appellati lill-*FEXCO* fil-kontijiet tal-kumpanija *Manastiry Property Ltd* u ntużaw sabiex inxtrat art fil-Bulgarija li fiha l-appellati, bħala azzjonisti ta' *Manastiry Property, Ltd* għandhom sehem li jirrifletti l-investiment li huma għamlu. Paul Pisani u Roger Cali jikkontendu wkoll li f'kull każ, mill-provi jirriżulta li l-kontroll effettiv kien f'idejn Emanuel Ellul.

43. Dwar dik il-parti tal-aggravju fejn ġie allegat li ma saritx prova ta' misappropriazzjoni jew frodi l-appellati wieġbu li filwaqt li dan huwa fatt ikkontestat, l-ewwel Qorti ma daħlitx f'din il-kwistjoni billi ma tatx deċiżjoni dwar l-ewwel talba. Għalhekk f'dan ir-rigward l-argumenti li saru minn Pisani u Cali mhumiex rilevanti.

44. Il-qorti żżid li f'dan ir-rigward ma jirriżultax li l-ewwel Qorti straħet fuq il-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta. Fis-sentenza appellata intqal:

> *'tqis illi anke f'dan il-kaz, kien hemm nuqqas serju ta' imgieba korretta da parti tad-diretturi tas-socjeta intimata. Dan ghaliex ir-rikorrenti kienu staqsewhom point blank jekk is-socjeta intimata kienetx koperta bil-permessi necessarji biex toffri servizzi ta' investiment, u minflok ma qalu l-verita, huma gidbu lir-rikorrenti u qalulhom li kollox kien skont il-ligi. Il-Qorti tqis illi dan mhu xejn aktar hlief agir skorett ezercitat mill-intimati sabiex jizguraw illi r-rikorrenti jidhlu fil-ftehim u jkollhom il-kapital li riedu biex jixtru l-proprjeta fil-Bulgarija.*

*Aghar minn hekk, l-intimati ma hallewx lis-socjeta intimata f'posizjoni li thallas id-djun taghha, u dan kif jidher mis-sentenza fl-ismijiet Dr. Roberta Bisazza vs Invest BG, li jfisser li mhux talli l-intimati qarrqu bir-rikorrenti sabiex dawn jidhlu fil-ftehim in kwistjoni maghhom, izda talli ma hallewx lis-socjeta intimata fi stat finanzjarju san li tkun tista' tirrifondi lir-rikorrenti s-somma zborsata minnhom, biex b'hekk l-effett ta' din is-sentenza jigi kompletament newtralizzat ghaliex ma tistghax tigi esegwita kontra s-socjeta intimata. Ghandu jinghad ukoll illi l-partijiet qieghdin f'din il-posizzjoni ghaliex l-intimati, la riedu joffru servizzi ta' investiment, minflok hadu l-pariri ncessarji sabiex ikun jistghu jaghmlu dan b'mod kompetenti, ressqu ghal din linizjattiva tista' tghid kapriccosament, minghajr lanqas biss ma raw x'hemm bzonn biex ikunu jistghu jibdew joperaw b'mod validu u legali, u kkonsiderat l-istat finananzjarju tas-socjeta intimata ma hadu l-ebda passi sabiex jizguraw illi l-interessi tal-persuni li dahlu ghal ftehim massocjeta intimata jkunu protetti.*

*Il-Qorti tqis illi f'dawn ic-cirkostanzi ma tistghax thalli lill-intimati jevadu r-responsabbilita personali taghhom billi jinhbew wara s-socjeta intimata b'applikazzjoni tal-principju fraus omnia corrumpit ...'*

45. Il-Kap. 386 li saret ukoll referenza għalih waqt it-trattazzjoni, ma fihx dispożizzjoni b'lista komprensiva taċ-ċirkostanzi meta jista' jkun hemm *the lifting of the corporate veil*. Il-ġurisprudenza stess turi li l-qrati mhumiex marbutin bid-dispożizzjonijiet li hemm fl-Att dwar il-Kumpaniji.

46. Madankollu, din il-Qorti ma taqbilx mar-raġunament tal-ewwel Qorti. Minn imkien ma jirriżulta li l-appellanti Claude Grima, Emanuel Ellul, Paul Pisani jew Roger Cali ħallew is-soċjeta` *Invest BG Ltd* fi stat ta' insolvenza b'*mala fede* jew sabiex iqarrqu bl-atturi. Mhemmx prova ta' dan. Dan apparti li fil-meritu l-ewwel Qorti llimitat id-deċiżjoni fuq il-kwistjoni dwar jekk kienx hemm ħtieġa ta' liċenzja taħt il-Kap. 370.

47. Fir-rigward tal-ewwel motivazzjoni, huwa minnu li l-appellati xehdu li l-avukata tas-soċjeta` appellata kienet qaltilhom li kollox kien in regola u kien hemm il-permessi meħtieġa, minkejja li ma tressqitx bħala xhud. Pero` ma jirriżultax li żvijat lill-appellati intenzjonalment fuq struzzjonijiet ta' Claude Grima, Emanuel Ellul, Paul Pisani jew Roger Cali.

48. Mill-provi jirriżulta li l-appellanti għaddew il-flus fdati lilhom mill-appellati lill-*FEXCO* fil-kontijiet tal-kumpanija *Manastiry Property Ltd* u ntużaw sabiex inxtrat art fil-Bulgarija li fiha l-appellati, bħala azzjonisti ta' *Manastiry Property, Ltd* għandhom sehem fiha.

49. Li jirriżulta pero' f'dan il-każ hu li l-kumpanija konvenuta kienet qiegħda tipprovdi servizz ta' investiment mingħajr liċenzja. Għalhekk kienet qiegħda twettaq attivita` llegali. L-appellanti bħala diretturi u li jmexxu l-kumpanija konvenuta kellhom id-dmir li jiżguraw li l-kumpanija ma toffrix servizz ta' investiment qabel ma tkun konformi mal-liġi. Dan irrispettivament kinux jafu jew le li kien hemm ħtieġa ta' liċenzja taħt il-Kap. 370. Wara kollox skont l-Art. 136A tal-Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386), id-diretturi ta' kumpanija huma responsabbli għat-tmexxija ġenerali tal-kumpanija u l-amministrazzjoni u l-immaniġġjar tagħha, u wkoll is-sorveljanza ġenerali tal-affarijiet tagħha. Id-diretturi naqsu milli jiżguraw li l-kumpanija tkun liċenzjata skont il-liġi u meħud in konsiderazzjoni l-imsemmija prinċipji, għandhom ukoll iwieġbu personalment għal dak li

ġara. Mill-provi ma jirriżultax li qabel il-kumpanija bdiet topera, id-diretturi għamlu verifiki mal-awtoritajiet u nfurmawhom li ma kellhomx bżonn ta' liċenzja. Il-konvenuti personalment bħala diretturi kellhom il-kontroll tal-kumpanija u ġialadarba l-kumpanija ma kellhiex liċenzja, is-servizz ta' investiment ma kellu qatt jingħata. Kien fid-dmir tagħhom li jiżguraw li l-kumpanija topera b'mod li jkun konformi mal-liġi, u li wara kollox hi ta' ordni pubbliku. Is-sejbien ta' responsabbilta` ma tiddependix mill-għarfien tad-diretturi li kien hemm bżonn ta' liċenzja.

50. Għalhekk tiċħad l-aggravju.

Għal dawn il-motivi sa fejn kompatibbli ma' dak li ntqal hawn fuq, tilqa' biss l-aggravju tal-appelli dwar it-trasferiment tal-ishma fil-kumpanija estera lill-konvenuta *Invest BG Ltd* u tiċħad il-kumplament tal-aggravji tal-appelli tal-konvenuti. Għalhekk tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti tat-12 ta' Mejju, 2017 fis-sens li kontestwalment mal-ħlas tal-ammont dovut lill-atturi, l-atturi għandhom jittrasferixxu lil Dr. Kevan Azzopardi nomine l-ishma fil-kumpanija *Manastiry Property Ltd* a spejjeż tal-konvenuta. F'każ li mhijiex fi stat li tħallas, Dr. Kevin Azzopardi nomine qiegħed jiġi awtorizzat jillikwida l-investiment sabiex ir-rikavat jinżamm mill-kumpanija. Tikkonferma l-kumplament tas-sentenza tal-ewwel Qorti.

Kull appellant għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-appell tiegħu/tagħha ħlief għal 5%(ħamsa fil-mija) ta' kull appell li hu a karigu tal-atturi.

| Mark Chetcuti | Giannino Caruana Demajo | Anthony Ellul |
|---|---|---|
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
da